# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 27 ta' Novembru tas-sena 2001.**

**Numru 26**

**Avviz numru 318/00/SM**

**Atlas Insurance Agency Ltd u dawn bhala agenti ta' AXA Insurance plc ga' Guardian Royal Exchange plc kif surrogati bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet tal-assigurata taghhom Ursula Kohler u f'isimha proprja.**

**vs**

**Nicholas Grech**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat l-14 ta' Marzu tas-sena 2000 li permezz tieghu s-socjeta' atttrici nomine sejhet lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:**

1. **Ihallas is-somma komplessiva ta' erba mija u wiehed u erbghin lira Maltin (LM841.00,0) danni mhallsa mill-attur nomine fuq vettura HAA 778 assikurata comprehensive hlief ghall-mitt lira Maltin (LM100) excess u ghal liema somma l-attur nomine jinsab surrogat fid-drittijiet ta' Ursula Kohler u dan b'rizultat ta' habta li grat fil-25 ta' Frar, 1999 gol-Marsa waqt li hu kien qed isuq il-vettura DBY 457 habat mal-vettura HAA 778 proprjeta' ta' Ursula Kohler u misjuqa minnha u ghal liema incident hu kien unikament responsabbli;**

2. **Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri ufficjali tal-4 t'Awissu, 1999 u tal-11 ta' Jannar 2000, u bl-imghax tat-8% fuq LM841 mill-4 t'Awissu 1999, sal-hlas effettiv u l-ispejjez tal-ittra ufficjali tallum kontra Omnibus Pool, assiguraturi ta' Nicholas Grech kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata s-27 ta' Marzu tas-sena 2000 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:**

1. **Illi t-talba tal-atturi ghandha tkun respinta stante l-incident tat-traffiku meritu tal-kawza ma garax tort tal-eccipjent izda gara unikament bi htija tal-attrici Ursula Kohler;**

2. **Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura in dizamina jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

**1. Illi l-incident in dizamina hu wiehed banali li sehh fil-25 ta' Frar ta' l-1999 fir-"roundabout" go Triq Garibaldi, l-Marsa, fil-parti li ddur lejn it-tela' ta' l-ajruport;**

**2. Illi l-vetturi involuti kienu dik tal-marka Rover bin-numru HAA-778 misjuqa minn certa Ursula Kohler u xarabank bin-numru DBY-457 misjuq mill-konvenut Nicholas Grech;**

**3. Illi jirrizulta li z-zewg vetturi kienu weqfin fil-"lights", l-ewwel hdejn xulxin jistennew il-"lights" jaqilbu biex ikunu jistghu jipprocedu;**

**4. Illi l-vettura assikurata mis-socjeta' attrici, dik Rover, kienet fuq ix-xellug lesta biex tipprocedi lejn l-ajruport, waqt li x-xarabank kien hdeja;**

**5. Illi hekk kif qaleb il-"lights" sar l-incident b'Kohler tallega li l-konvenut Grech dahal fiha waqt li Grech jallega bil-maqlub;**

**6. Illi sfortunatament, stante is-sensitivita' tal-post fejn sehh l-incident t-tnejn gew mistiedna jigbdu mal-genb biex ma jostakolawx it-traffiku u skizz ma ittihidx;**

**7. Illi l-hsara sofferta minn Kohler tammonta ghal tmien mija u erbghin Lira Maltin u wiehed u disghin centezmu, (LM840.91,0), u dawn ghamlet tajjeb ghalihom is-socjeta' attrici, li ghada ma thalsitx taghhom, u ghalhekk pprocediet b'dan il-kawza;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi incident bhal dan hu wiehed verament evitabbli;**

**Illi pero' hu principju li din il-qorti gia' irreferiet ghalih f'kawzi ohra li vetturi ta' natura goffa bhal trakkijiet u xarabankijiet ghandhom il-vantagg tal-kobor li jitfa fuqhom l-obbligu li peress li l-vizwali taghhom tkun ahjar allura jridu jkunu aktar kawti fis-sewqan taghhom u jcedu lill-vetturi ohra izghar;**

**Ghaldaqstant din il-qorti in vista tal-premess filwaqt li tichad it-talbiet tal-konvenut tilqa' t-talbiet attrici u:**

**1. Tiddikjara lill-konvenut Nicholas Grech unikament responsabbli ghall-incident meritu ta' dan il-kaz;**

**2. Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta' attrici nomine fl-ammont ta' tmin mija erbghin Lira Maltin u wiehed u disghin centezmu, (LM840.91,0);**

**3. Tikkundanna lill-konvenut Nicholas Grech biex ihallas lis-socjeta' attrici nomine l-ammont hekk likwidat, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**